**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can.)**

**Rikors Nru.: 335/17**

**Fl-atti tal-ittra ufficjali numru 4674/2010 tas-16 ta' Novembru, 2010 fl-ismijiet:**

**United Acceptances Finance Ltd. (C360)**

**Vs**

**Kenneth Ruggier (I.D. 0398463M)**

**Illum 13 ta' Gunju, 2018.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat minn Kenneth Ruggier fit-13 ta' Novembru, 2017 skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 253 (e) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) fejn espona:

Illi nhar il-31 ta' Ottubru, 2017 l-esponent gie notifikat bl-ittra ufficjali fl-ismijiet hawn fuq premessi li permezz taghha l-kumpanija rikorrenti trid illi tirrendi ezegwibbli hames (5) kambjali, ammontanti kumplessivament ghas-somma ta' €1397.60, li lkoll inhargu nhar l-1 ta' Frar, 2007 u li skadew nhar l-1 ta' April, 2010, nhar l-1 ta' Mejju, 2010, nhar l-1 ta' Gunju, 2010, nhar l-1 ta' Lulju, 2010 u nhar l-1 ta' Awissu, 2010 rispettivament, u dan skond id-disposizzjojnijiet tal-Artikolu 256(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi permezz tal-prezenti, l-esponent irid illi jopponi l-ezekuzzjoni tal-hames (5) kambjali hawn fuq imsemmija, mertu tal-ittra ufficjali promotorja odjerna, u dan skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 253 (e) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u fost ohrajn ghas-segwenti ragunijiet:

i. Illi, in linea preliminari, il-hames (5) kambjali mertu tal-ittra ufficjali promotorja odjerna huma preskritti bid-dekors tal-hames (5) snin, u dan skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 542 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta);

ii. Illi, in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-hames (5) kambjali mertu tal-ittra ufficjali promotorja odjerna huma preskritti bid-dekors tal-hames (5) snin, u dan skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

iii. Illi fil-mertu, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, jezistu ragunijiet gravi u validi biex tigi opposta l-ezekuzzjoni tal-hames (5) kambjali mertu tal-ittra ufficjali promotorja odjerna, u dan kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha hawn fuq premessi, l-esponent jitlob umilment u bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tissospendi l-ezekuzzjoni tal-hames (5) kambjali, ammontanti kumplessivament ghas-somma ta' €1397.60, li nhargu nhar l-1 ta' Frar 2017 u li skadew nhar l-1 ta' April 2010, nhar l-1 ta' Mejju 2010, nhar l-1 ta' Gunju 2010, nhar l-1 ta' Lulju 2010, u nhar l-1 ta' Awwissu, 2010 rispettivament, mertu tal-ittra ufficjali promotorja odjerna u dan bl-ispejjez kollha kontra l-kumpanija rikorrenti, u salv kull provvediment ulterjuri li din l-istess Onorabbli Qorti jista' joghgobha timponi.

Rat id-digriet taghha tal-21 ta' Novembru, 2017 fejn ordnat in-notifika tieghu lill-intimat u ordnat li jigi appuntat ghas-smiegh.

Rat ir-risposta tas-socjeta intimata pprezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-18 ta' Dicembru, 2017 fejn eccepiet is-segwenti:-

1. Illi permezz ta' l-ittra ufficcjali fl-ismijiet hawn fuq premessi datata 16 ta' Novembru 2010 is-socjeta' esponenti rrendiet ezegwibbli hames kambjali li huma diga' titoli esekuttivi skont l-artikolu 253(e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema kambjali jammontaw ghas-somma komplessiva ta' elf tlett mija u sebgha u disghin euro u sittin centezmi euro (€1,397.60).
2. Illi l-imsemmija ittra ufficcjali giet notifikata fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Ottubru 2017.
3. Illi l-perijodu ta' preskrizzjoni huwa perjodu li fih persuna tista' tezercita d-drittijiet taghha billi tistitwixxi azzjoni legali relattiva.
4. Illi din l-ittra ufficcjali ma hiex ittra ufficcjali normali li qieghda sempliciment tinterpella lid-debitur sabiex ihallas u li sservi sabiex tinterrompi il-preskrizzjoni izda hija l-azzjoni legali idonea sabiex trendi esegwibbli titolu esekuttiv skond l-artikolu 256(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi din l-ittra ufficcjali ssir ghaliex effettivament ma hemmx bzonn li ssir kawza bhal ma jsir f'kaz ta' pretensjonijiet ohra.
5. Illi l-azzjoni kienet tkun preskirtta biex kieku l-ittra ufficcjali giet prezentata wara li ghaddew l-hames snin ta' preskrizzjoni stabbilita mill-ligi.
6. Ghaldaqstant is-socjeta' esponenti umilment tissottometti illi din l-azzjoni ma tistax tkun preskritta u ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda.

Rat illi fis-seduta tal-15 ta' Jannar, 2018 l-avukat difensur tar-rikorrent Kenneth Ruggier talab l-allegazzjoni ta' l-ittra ufficcjali numru 4674/2010 fl-istess ismijiet.

Rat illi s-socjeta' intimata ma kellhiex oggezzjoni ghal tali talba u ghalhekk b'digriet taghha ta' l-istess jum il-Qorti laqghet it-talba rikorrenti.

Semghet lil Dr. Schembri ghan-nom tar-rikorrenti jitlob korrezzjoni fir-rikors promotur tieghu fis-sens li d-data tal-31 ta' Ottubru, 2017 fl-ewwel paragrafu tar-rikors promotur tieghu jigi kancellata u sostitwita bid-data 26 ta' Ottubru, 2017. Rat illi s-socjeta' intimata ma kellhiex oggezzjoni ghal tali talba u ghalhekk b'digriet taghha tal-istess jum din il-Qorti laqghet it-talba rikorrenti u ordnat li tigi registrata il-korrezzjoni fl-atti tal-kawza.

Semghet lil **Kenneth Ruggier** jixhed nhar l-14 ta' Frar, 2018 fejn gie muri ittra uffiċjali numru 4674/2010 u l-kambjali annessi ma' din l-istess ittra uffiċjali u tenna li dawn il-kambjali kien iffirmahom hu fl-2007. U kkonferma li bejn id-data murija fuq il-kambjala u l-ittra uffiċjali li rċieva fis-26 ta' Ottubru, 2017, ma kien irċieva ebda att ġudizzjarju ieħor. Huwa ma jiftakarx li effettivament għandhu jagħti lill-United Acceptances Limited.

Semghet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors u dan fis-seduta tal-24 ta' Mejju, 2018 meta talbu lil din l-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha .

Ikkunsidrat:

B'ittra ufficcjali datata 16 ta' Novembru, 2010 is-socjeta' intimata ttentat trendi ezegwibbli hames kambjali tal-valur €1397.60 mahruga mir-rikorrenti favur taghha. Ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kambjali mahruga skod il-Kodici tal-Kummerc huma titoli ezekuttivi izda ai termini tal-Artikolu 256(2) tal-Ligijiet ta' Malta huma ezegwibbli biss wara jumejn ghall-anqas min notifika ta' sejha maghmula b'att gudizzjajru.

**L-Artikolu 253 (e) tal-Kapitolu 12** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi fil-proviso li b'dan izda:

*"B'dan iżda illi l-qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala jew promissory note tista', b'digriet li ma jkunx appellabbli, tissospendi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kollha jew f'parti minnha u sew suġġett għal garanzija kif ukoll mingħajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kif fuq imsemmi, u li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika tal-ittra uffiċjali li tintbagħat biex tirrendi l-istess kambjala jew promissory note esegwibbli, minħabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew promissory note ma tkunx tagħha jew tal-mandatarju tagħha jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni u f'dak il-każ biex persuna tesiġi l-ħlas ta' dik il-kambjala jew promissory note tkun trid tipproċedi b'kawża skont id- dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerc" (* Sottolinear ta din il-Qorti).

Ghalhekk jidher car li huwa a bazi ta' din id-disposizzjoni li r-rikorrenti intavola r-rikors promotur in opposizzjoni ghall-esekuzzjoni fil-konfront tieghu tal-kambjali mertu tal-konstatazzjoni da parti tas-socjeta' intimata.

Il-Qorti tqis illi din hija proċedura preliminari ta' verifika fejn hija tista' tordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' kambjala jew *promissory note* bħala titolu eżekuttiv f'każ li minn din il-proċedura preliminari jirriżulta prima facie:-

(i) illi l-firma fuq il-kambjala jew *promissory note* ma tkunx ta' min ikun qed jopponi għall-eżekuzzjoni tagħha jew tar-rappreżentant tiegħu; jew ( li mhux il-kaz odjern)

(ii) ikunu jeżistu raġunijiet oħra gravi u validi biex issir oppożizzjoni għal dik l-eżekuzzjoni. (sottolinear ta din il-Qorti).

F'każ li l-Qorti tordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala ai termini tal-**Artikolu 253(e),** biex wieħed jeżiġi l-ħlas tal-kambjala, dan ikollu jiftaħ kawża skont id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ.

It-talba tar-rikorrenti ghas-sospensjoni ta' l-esekuzjoni fil-konfront tieghu ta' l-imsemmija kambjali hija bbazata fuq il-pretensjoni li l-kambjali kollha huma preskritti ai terminu tal-**Artikolu 542** tal Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta fejn jinghad li l-azzjonijiet li gejjin minn kambjali jew minn biljetti negozjabbli jew *promissory notes* jaqghu bil-preskrizzjoni wara hames snin minn dakinhar li jaghlqu. Il-kambjala li taghlaq l-ahhar skond ir rikors promotur li mhux kontestat u dak ta' l-1 ta' Awwissu, 2010. Illi l-ittra ufficcjali de quo ghalkemm giet intavolata fis-16 ta' Novembru 2011 giet notifikata lir-rikorrenti nhar is-26 ta Ottubru 2017..Illi ghaldaqstant ghaddew aktar minn hames snin mid-data tal-gheluq ta' l-ahhar kambjala u b'hekk il-kambjali kollha huma preskritti ai termini ta l-Artikolu 542 tal-Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi iktar mic-cekk, il-kambjala kif gie diversament rilevat mill-gurisprudenza hija prova dokumentarja tal-element kostituttiv tar-rapport u jikkreja presunzjoni legali tat-titolarita' tad-dritt stabbilit f'dak id-dokument a favur il-persuna legittimata u intrinsikament mhux hag'ohra hlief dokument ta' kreditu u dan kif gie deciz fil-kawza "**Anthony Borg vs Anthony Francis Willoughby**" tad-9 ta' Marzu, 2005 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili.

Illi l-kambjala ghandha effett ta' titolu kambjarju kif del resto ghandu cekk mahrug ghall-pagament (vide kollezzjoni Vol.LXXXVI, Part2, Page 520 u "**Luigi Portelli et noe vs Dottor John C.Grech noe**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 t'Ottubru, 2000).

Illi l-kambjala hija r-relazzjoni bejn it-traent u t-trattarju kif emergent mill-wicc il-kambjali stess (vide "**United Acceptance Finance Limited vs Mario Grech pro et**

**noe**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 t'Ottubru 2000 u "**Adrian Busietta noe vs Marco Attard noe**" deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Frar 2001).

Ic-cekk gie definit minn **Ferri** "Manuale di Diritto Commerciale"-

"*Un titolo di credito al ordine o al portatore contenente l'ordine diretto ad una banco di paghare al possessore del titolo secondo la legge di circolazione la somma portata dall'assegno*."

**De Semo** fl-opera tieghu "Diritto Cambiario[1]" jghid -

"*L'assegno bancario e un titolu cambiario, all'ordine o al portatore, letterale, formale, autonomo, astratto, contenente, l-ordine incondizionato, rivolto ad un banchiere preso il quale l-emittente ha fondi disponibbli adeguati, di paghare a visto la somma che vie e' menzionata; vincolante solidalmente tutti i firmatari verso il potatore e munito di forza esecuttiva*."

Illi l-Qrati taghna dejjem applikaw dawn il-principji kif jirrizulta mis-sentenzi tal-Qorti tal-Kummerc tal-14 ta' Dicembru 1959, fl-ismijiet "**Michael Attard vs Grazio Meilak et[2]**" kif ukoll mis-sentenza deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) tat-3 t'April 1992 fl-ismijiet "**Daniel sive Danny Cremona noe vs Nazzareno sive Ronnie Zammit et**", "**Antoine Deguara vs Walter George Wicker**" deciza mill-Qorti tal-Kummerc tat-3 ta' Mejju 1959 [3], "**John Charles Denninson noe vs Salvatore Tonna"** Appell Kummercjali fit-30 ta' Novembru 1926) u "**Enrico Sammut vs Vincenzo Falzon**" Appell Kummercajli fit-18 t'Ottubru 1875.

[1] (para 669)
[2] Vol. XLIII, Part 2, Page 834
[3] Vol. XXXIX Part 3, Page 853

Inoltre l-"**Baudry Lacantinerie**" josserva fil-"Fideissione" para 916 – "la premessa di paghare il debito altrui non e una fideissione; essa costituisce una obbligazione principale che non concede il benefico di dicisione o di escussione."

Illi kambjala fih it-traent jobbliga ruhu li jhallas lit-trattarju s-somma hemm indikata u ghalhekk f'tali gurnata u f'tali zmien u ghalhekk ma tistax is-socjeta' rikorrenti tippretendi li ma thallasx galadarba skadiet il-kambjala, l-import tal-kambjala.

Ghaldaqstant apparti r-rekwizit tal-firma tal-kambjala, kull ma trid il-liġi f'din il-proċedura hu li l-Qorti tara jekk hemmx raġunijiet serji biżżejjed biex tissospendi l-esekuzzjoni tal-kambjala jew tal-promissory note li tkun; (vide is-sentenza '**Michael Attard Limited (C-32362) vs Turisa Limited (C-3428)** u **Joseph Bonello' per Onor. Imh. Joseph R. Micallef**).

Il-liġi ma tispeċifikax x'inhuma r-**raġunijiet gravi** u **validi** u dan ma sarx b'xi nuqqas tal-leġislatur iżda intenzjonalment għax il-leġislatur ried iħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti f'liema każijiet għandha tilqa' t-talba jew le. "*Ċertament li r-raġuni valida m'għandhiex tkun waħda frivola għax kif tgħid l-istess liġi, ħlief fil-każ tal-firma r-raġuni trid tkun gravi u valida u dan jagħmilha ċara li persuna ma tistax kapriċċjożament topponi tali eżekuzzjoni*" (vide **Giovanni Briffa vs. Ronald Azzopardi** - PA deċiża fil-5 ta' Frar, 2008.)

Illi l-Qorti hija tal-fehma li tali **raġunijiet gravi u validi** ma jistgħux ikunu aktar ampji mir-raġunijiet maħsubin mil-liġi speċjali – il-Kodiċi tal-Kummerċ – biex iżommu milli kambjala titħallas. Lanqas ma hija tal-fehma li fi proċedura bħalma hija din tal-lum, il-Qorti tistħarreġ il-mertu ta' xi kwistjoni li tolqot is-siwi tal-kambjala nnifisha jew tal-obbligazzjoni li fiha titnissel, liema stħarriġ jidher li jmissu jsir f'kawża li titressaq speċifikatament għal dan il-għan.

L-artikolu 542 tal-Kapitolu jkompli jipprovdi li *".....u l-azzjonijiet ki gejjin minn tratti jew cheque fuq bankiera jew kaxxiera jaghlqu bil-preskrizzjoni tal-hames snin mid-data taghhom."*

M'hemmx dubbju li minkejja li l-ligi titkellem fuq l-kelma 'preskrizzjoni' l-intensjoni tal-legislatur kienet wahda u cioe li t-terminu ikun dak ta' dekadenza kif tajjeb osservat din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza taghha ghall-ismijiet **Brian's Tyre Service Limited vs Raymond Scicluna u Joan Scicluna** deciza nhar it-2 ta' Mejju, 2011. B'mod li ghalhekk id-dritt ta' azzjoni jintilef kemm il-darba din ma tigix istitwita entro t-terminu prefiss mill-ligi. Dan jirrizulta minn dak dispost fl-Artikolu 541 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li z-zminijiet kollha stabiliti b'disposizzjoni ta' dan il-kodici ghall-ezercizzju ta' azzjonijiet jew regressi li gejjin minn atti kummercjali huma perentorji, u l-beneficcju tar-*restitutio in integrum* bis-sahha ta' titolu mottiv jew privilegg li jkunx ma jghoddx.

Il-kwistjoni tan-natura tat-terminu ta' hames snin ghall-ezercizzju ta' azzjoni naxxenti minn kambjala riflessa fl-Artikolu 542 tal-Kapitolu 12 giet trattata fis-sentenza fl-ismijiet **Carmel sive Charles Grech v. Philip Degiorgio u Marthese Degiorgio mart l-istess Philip Degiorgio ghal kull interess li jista' jkollha** deciza 28 ta' Marzu, 2014 mill-Qorti tal-Appelli Superjuri.

"*Il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni kambjarja hija regolata mill-Kodici tal-Kummerc (ara* ***Orlando Crescimano vs Mirabita***[4]*,) u taqgha perenta bid-dekors ta' hames snin mid-data tal-maturita` taghha (ara* ***Barbara vs Ciantar****, Kummerc, 8 ta' Awissu 1876*[5]*,; u Galea vs Gabriele, Appell 26 ta' Marzu 1915*[6]*,). L-azzjoni kontra d-debitur tista' tigi ezercitata fi kwalunkwe zmien sakemm l-azzjoni kambjarja tiskadi (ara* ***Dr. Vella vs Hon. Darmanin***[7]*, Kummerc, 28 ta' Novembru 1899*).

[4] Vol X p 780
[5] Vol VII p 606
[6] Vol XXII – I- p 364
[7] , Vol XVII -III- p 47

Jinghad ghalhekk li sabiex l-att gudizzjarju biex kambjala jew iktar kambjali jigu rezi ezegwibbli ghandu jigi prezentat fi zmien hames snin meta l-kambjala jew kambjali in kwistjoni jaghlqu u jsiru dovuti.

Fil-kaz in desamina mhux kontestat li l-kambjali li s-socjeta intimata tittenta trendi ezegwibbli bl-ittra ufficcjali bin-numru 4674/2010 ghalqu u saru dovuti, l-1 ta' April 2012, l-1 ta' Mejju 2012 u l-1 ta' Gunju 2012, fl-1 ta' Lulju 2010 u fl-1 ta' Awwissu 2010 u dan skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 256(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Lanqas ma huwa kontestat li l-ittra ufficcjali li giet presentata mis-socjeta' intimata fis-16 ta' Novembru, 2010 giet in effetti notifikata lir-rikorrenti aktar minn hames snin wara u cioe fis-26 ta' Ottubru 2017, jigifieri iktar minn hames snin wara li giet presentata u ghalhekk zgur li iktar minn hames snin li l-iktar kambjala ricenti saret dovuta u cioe dik li ghalqet u saret dovuta fl- 1 ta' Awwissu 2012.

Ghalhekk jirrizulta car li kif korrettament pretiz mir-rikorrenti l-ittra ufficcjali 4674/2010 li saret a tenur tal-Artikolu 256(2) tal-Ligijiet ta' Malta biex il-kambjali imsemmija jigu resi esekuttivi giet presentata entro t-terminu perentorju ta' hames snin prefiss fl-Artikolu 542 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta pero' giet notifikata lir-rikorrenti hafna wara li gja lahaq skada dan l-istess terminu tal-hames snin.

Fic-cirkostanzi partikolari tal kaz, ghalhekk hija l-fehma ta' din il-Qorti li tirrizulta raguni **gravi u valida** biex tigi sospiza l-esekuzzjoni tal-hames kambjali tal-valur totali ta' €1397.60 sabiex is-socjeta' intimata tittenta trendi ezegwibbli fil-konfront tar-rikorrenti bis-sahha tal-ittra ufficcjali bin-numru 4674/2010 u ghaldaqstant il-Qorti qeghda tilqa' t-talba tar-rikorrenti minghajr l-imposizzjoni ta' ebda garanzija, l-esekuzzjoni tal-hames kambjali stante li l-istess ittra ufficcjali giet notifikata lir-rikorrenti wara li lahaq skada t-terminu prefiss mill-ligi ta' hames snin fl-Artikolu 542 tal-Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu tas-socjeta' intimata.

**Dr. Consuelo Scerri Herrera**

**Magistrat**

**Deputat Registratur**